Il-Kummissjoni Ewropea

# ProcurComp$^{EU}$

# implimentazzjoni fis-Slovenja

## Mexxej tal-proġett

REPUBLIKA SLOVENIJA
MINISTRSTVO ZA JAVNO UPRAVO

Id-Direttorat tal-Akkwist Pubbliku (PPD) huwa parti mill-Ministeru tal-Amministrazzjoni Pubblika (MPA), u l-kompiti ewlenin tiegħu huma relatati mat-tfassil u mal-implimentazzjoni tal-politika dwar l-akkwist pubbliku, mal-iżvilupp ta' għodod u servizzi tal-akkwist elettroniku, mal-għoti ta' assistenza lill-awtoritajiet kontraenti u lill-operaturi ekonomiċi li jwettqu jew li jipparteċipaw fi proċeduri ta' akkwist pubbliku. Barra minn hekk, il-PPD, b'madwar 37 impjegat, jaġixxi bħala korp ċentrali għall-akkwisti u jwettaq akkwisti konġunti għal entitajiet governattivi skont id-Deċiżjonijiet tal-Gvern u jimmaniġġja madwar 10 proċeduri ta' akkwist konġunt mifruxin mal-gvern kull sena, li jammontaw għal madwar EUR 80–90 miljun fis-sena (minbarra madwar 150 proċedura ta' akkwist f'isem u akkont tal-MPA).

**Sit web**: https://www.gov.si/en/state-authorities/ministries/ministry-of-public-administration/about-the-ministry/public-procurement-directorate/

## Kuntest u objettivi tal-appoġġ ipprovdut

**Kuntest**: Il-PPD jinsab fil-proċess li jimplimenta Pjan ta' Azzjoni għall-professjonalizzazzjoni u esprima l-interess tiegħu fl-implimentazzjoni ta' ProcurComp$^{EU}$ u s-sett ta' għodod tiegħu fis-Slovenja, bil-għan li jappoġġa l-iżvilupp tal-kompetenzi fil-qasam tal-akkwist pubbliku. Bħala parti minn dan l-isforz, il-PPD żviluppa Qafas ta' Kompetenza (inkluż matriċi ta' kompetenza u profili tal-impjiegi), Għodda ta' Awtovalutazzjoni u Kurrikulu ta' Taħriġ. Dawn l-għodod se jkunu parti mill-programm ta' taħriġ, imsejjaħ l-Akkademja tal-Akkwist Pubbliku, u possibbilment fi stadju aktar tard ta' skema ta' ċertifikazzjoni li qed jiżviluppa l-PPD.

**Objettiv:** Il-PPD ingħata appoġġ mill-Kummissjoni Ewropea biex jiżgura l-koerenza u l-allinjament tal-Qafas ta' Kompetenza, l-Għodda ta' Awtovalutazzjoni u l-Kurrikulu ta' Taħriġ tiegħu ma' ProcurComp$^{EU}$— biex b'hekk il-PPD (u l-awtoritajiet kontraenti Sloveni) ikunu jistgħu jużaw bis-sħiħ l-għodod u s-soluzzjonijiet ta' ProcurComp$^{EU}$ biex jiżviluppaw aktar il-kompetenzi tagħhom.

## Mira u skeda ta' żmien

**Grupp fil-mira**: Professjonisti tal-akkwist pubbliku u awtoritajiet kontraenti.

**Tul ta' żmien tal-intervent**: Mis-6 ta' Mejju 2020 sas-27 ta' Lulju 2020.

## Azzjonijiet



1. **Rieżami tal-matriċi tal-kompetenza:** Rieżami tal-kompetenzi, il-livelli ta' profiċjenza fil-mira, u l-profili tal-impjiegi magħżula mill-PPD.
2. **Rieżami tal-profili tal-impjiegi:** Rieżami tad-deskrizzjoni tal-impjieg, u livelli fil-mira ta' profiċjenza assoċjati.
3. **Ħolqien tal-Għodda ta' Awtovalutazzjoni:** L-iżvilupp tal-kwestjonarju tal-awtovalutazzjoni, u l-fajl tal-istħarriġ fuq EUSurvey.
4. **Rieżami tal-kurrikulu tat-taħriġ:** Allinjament tas-suġġetti tat-taħriġ u s-suġġetti tat-tagħlim ma' ProcurComp$^{EU}$.
5. **Attivitajiet ta' komunikazzjoni:** Il-promozzjoni u t-tixrid tal-Qafas ta' Kompetenza u t-taħriġ lill-awtoritajiet kontraenti u lill-istituzzjonijiet governattivi.

## Implimentazzjoni

Il-PPD żviluppa l-qafas ta' kompetenza għall-professjonisti tal-akkwist pubbliku fis-Slovenja, billi adatta l-matriċi ta' kompetenza ta' ProcurComp$^{EU}$ għall-kuntest lokali — inkluż pereżempju l-qafas ta' kompetenza eżistenti tal-impjegati taċ-ċivil u l-ispeċifiċitajiet tal-akkwist pubbliku fis-Slovenja. Ir-rieżami vvaluta l-punt sa fejn dan il-qafas adattat kien koerenti meta mqabbel ma' ProcurComp$^{EU}$ u pprovda rakkomandazzjonijiet dwar kif jista' jissaħħaħ aktar l-allinjament funzjonali tiegħu ma' ProcurComp$^{EU}$. Ir-rieżami identifika erba' kompetenzi personali li jistgħu jiżdiedu ma' dawk diġà preskritti mill-qafas tal-impjegati taċ-ċivil. Abbażi ta' dan, il-PPD żviluppa l-kwestjonarju u l-istħarriġ dwar l-Awtovalutazzjoni, permezz ta' EUSurvey.

Il-Kurrikulu ta' Taħriġ żviluppat mill-PPD jipproponi erba' moduli ta' taħriġ imfassla apposta għall-kompetenzi mmirati u l-livelli ta' profiċjenza għall-erba' profili tal-impjiegi l-aktar komuni (Xerrej pubbliku awtonomu għal kuntratti ta' valur iżgħar; Xerrej pubbliku awtonomu għal kuntratti ta' valur ogħla; Speċjalista tal-kategorija u Maniġer tal-Kuntratti). Dan ġie rieżaminat biex jiġi żgurat li s-suġġetti tat-taħriġ u l-eżiti tat-tagħlim ikunu koerenti mad-deskrizzjoni tal-profili tal-impjiegi (f'termini ta' kompetenzi u għarfien u ħiliet mistennija), u mal-Kurrikulu ta' Taħriġ ta' Referenza ta' ProcurComp$^{EU}$. Minbarra xi rakkomandazzjonijiet dwar allinjament aħjar tal-kontenut tat-taħriġ, ir-rieżami rriżulta f'rakkomandazzjoni biex jiġi żgurat li l-kurrikulu jkun jista' jintuża biex jingħata taħriġ ibbażat fuq il-ħtiġijiet billi tiġi inkluża fih l-għażla għall-parteċipanti li jattendu biss għall-partijiet tat-taħriġ tal-modulu li jindirizzaw in-nuqqasijiet attwali tagħhom fil-kompetenzi.

Ġie organizzat webinar biex jiġi ppreżentat il-Qafas ta' Kompetenza u l-Kurrikulu ta' Taħriġ lill-istituzzjonijiet tal-gvern u lill-awtoritajiet kontraenti li se jkunu responsabbli għall-implimentazzjoni tagħhom, bil-ħsieb li jiġu ġġenerati interess u sjieda tal-għodod żviluppati mill-PPD.

## Riżultati u impatt

- Ir-rakkomandazzjonijiet għenu lill-PPD jiżviluppa qafas ta' kompetenza allinjat ma' ProcurComp$^{EU}$ u mfassal apposta għall-kuntest Sloven – jiġifieri koerenti mal-qafas ta' kompetenza tal-impjegati taċ-ċivil, u rilevanti għall-awtoritajiet kontraenti kollha. B'riżultat ta' dan, il-qafas se jippermetti l-użu tas-sett sħiħ ta' funzjonalitajiet ta' ProcurComp$^{EU}$, inkluż il-valutazzjoni organizzazzjonali.
- L-involviment qawwi tal-PPD fl-iżvilupp tal-qafas ta' kompetenza, l-Għodda ta' Awtovalutazzjoni (fuq EUSurvey) u l-kurrikulu ta' taħriġ ippermettew lill-organizzazzjoni tibni fehim sod tal-għodod ta' ProcurComp$^{EU}$ u l-kapaċità li tpoġġihom fil-prattika. Dan se jippermetti lill-PPD jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-għodod fil-livell tal-awtoritajiet kontraenti billi jgħinhom jindirizzaw uħud mir-restrizzjonijiet antiċipati bħan-nuqqas ta' riżorsi jew kapaċitajiet għal attivitajiet ta' professjonalizzazzjoni.
- Il-kurrikulu tat-taħriġ żviluppat mill-PPD se jservi bħala bażi għall-hekk imsejħa Akkademja tal-Akkwist Pubbliku. Huwa mistenni li din titnieda sa tmiem l-2020 bil-għan li tipprovdi lill-awtoritajiet kontraenti bil-mezzi prattiċi biex iżidu l-għarfien u l-ħiliet tax-xerrejja pubbliċi.

## Il-passi li jmiss

- Potenzjalment, it-tnedija tal-Akkademja tal-Akkwist Pubbliku tista' ssir il-bażi għat-tnedija ta' skema ta' ċertifikazzjoni għall-professjonisti tal-akkwist pubbliku fis-Slovenja fi stadju aktar tard.
- Il-PPD se jappoġġa l-introduzzjoni tal-għodod qafas u t-taħriġ fil-livell tal-awtoritajiet kontraenti.

## Tagħlimiet miksuba

- Il-PPD adatta s-sett ta' għodod ta' ProcurComp$^{EU}$ għall-kuntest nazzjonali kif ukoll għall-ħtiġijiet tal-awtoritajiet kontraenti Sloveni. Dan se jgħin biex tiġi żgurata r-rilevanza tal-għodod żviluppati u se jagħti spinta lill-implimentazzjoni futura tagħhom mill-awtoritajiet kontraenti u l-istituzzjonijiet tal-gvern.
- Il-PPD żviluppa kurrikulu ta' taħriġ kemm minn perspettiva teoretika (suġġetti ta' taħriġ, eżiti tat-tagħlim) kif ukoll minn perspettiva prattika (għoti ta' taħriġ, riżorsi finanzjarji). B'dan il-mod, il-PPD żgura rabta koerenti mit-teorija għall-prattika, li se tappoġġa l-implimentazzjoni bla xkiel u prevedibbli tat-taħriġ.
- L-approċċ tal-PPD għall-implimentazzjoni tal-kurrikulu tat-taħriġ huwa gradwali, jiġifieri t-taħriġ l-ewwel se jiġi implimentat fuq bażi volontarja, qabel ma jsir potenzjalment obbligatorju u possibbilment jista' jwassal għal ċertifikazzjoni. Approċċ bħal dan se jippermetti li jiġi aġġustat u rfinut il-kontenut tal-kurrikulu tat-taħriġ jew il-proċess ta' implimentazzjoni biex jiġi żgurat li dan iwieġeb għall-aspettattivi u għall-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati.

## Fejn tista' ssib il-ProcurComp$^{EU}$?

ProcurComp$^{EU}$ huwa disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE fuq is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea:
https://ec.europa.eu/info/policies/public-procurement/support-tools-public-buyers_mt

Il-proġett "Implimentazzjoni ta' ProcurComp$^{EU}$" ipprovda appoġġ bl-implimentazzjoni tal-għodod ta' ProcurComp$^{EU}$ fl-Istati Membri tal-UE. Dan id-dokument tħejja minn PwC għall-Kummissjoni Ewropea. Madankollu, dan jirrifletti l-fehmiet tal-awturi biss, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fih.

© Unjoni Ewropea, 2020 – KUMMISSJONI EWROPEA - Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs
Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2020
ISBN 978-92-76-23629-0 Doi: 10.2873/709839 ET-02-20-884-MT-N